Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA` KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 22 – It-Tlieta, 26 ta' Novembru, 2013**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-3.00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Francis Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Amanda Abela | Segretarju Eżekuttiv |

1. **Introduzzjoni mis-Sindku**

   Is-Sindku ta bidu għal-laqgħa.

2. **Korrezzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti numru 21 u l-minuti tal-laqgħa Ad Hoc li saret nhar 7 ta' Novembru 2013, dawn ġew approvati kif preżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

3. **Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku**

   - 6 ta' Novembru – laqgħa tal-Kummitat Organizzattiv ta' Bethlehem f'Għajnsielem.
   - 9 ta' Novembru – is-Sindku, flimkien mal-Ambaxxatur Joshua Grech attendew għal preżentazzjoni li saret fit-Teatru Rjali, il-Belt Valletta fil-preżenza tas-Segretarju Parlamentari Josè Herrera.
   - 14 ta' Novembru – laqgħa tal-Kumitat Reġjonali, fejn saret laqgħa ma' Kenneth De Martino, mill-Kumpanija KDM Ltd rigward is-sitema tal-infurzar.

- 20 ta' Novembru – serata tal-iffirmar tal-Ambaxxaturi u s-Sindki fis-Sala tal-Arazzi, fil-Palazz, il-Belt Valletta. Ġiet immexxiha mill-Ispeaker, Anglu Farrugia.

- Is-Sindku qal li reġa' ġie avviċinat mill-ħaddiem tal-Agrikultura, is-Sur Philip Vella biex il-Kunsill jagħti l-approvazzjoni biex dan jkun ħaddiem tal-Kunsill. Is-Sindku qal ukoll li s-SE kienet bagħtet tistaqsi għal klarifiki tal-Kunsill, iżda s' issa għadna bla risposta. Il-Kunsill qabel li l-ewwel jiġu klarifikati l-mistoqsijiet li għamel il-Kunsill lid-Direttur Portelli, imbagħad tittieħed deċiżjoni.

- 25 ta' Novembru - żjara mill-Ministru għal-Għawdex u l-kap tal-Oppożizzjoni f'Bethlehem f'Għajnsielem.

- Seminar fuq l-Abbozz tal-Pjan għall-Immaniġġjar tal-Iskart 2013 – 2020 – is-SE attendiet fejn tat rendikont ta' dan is-seminar. Il-Ministru Leo Brincat u s-Segretarju Parlamentari Josè Herrera se jagħtu ċans sa nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Novembru biex min rid jagħti s-suġġerimenti tiegħu fuq dan l-abbozz.

- Talba b'email mingħand is-Sur Joe Attard, f'isem il-Green MT biex il-ġbir ta' skart reċiklabbli f'Għajnsielem isir darba f'ġimgħa minflokk darbtejn f'ġimgħa, kif qiegħed isir preżentament skont il-kuntratt. Il-Kunsill ma qabilx ma dan is-suġġeriment u għalhekk talab lis-SE tinforma lis-Sur Attard li s-servizz għandu jibqa' jingħata darbtejn f'ġimgħa. Il-Kunsill qabel li jenfasiżża mal-Green MT biex jonora l-kuntratt li għandu mall-Kunsill fir-rigward tal-pagamenti.

- Il-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali, l-Onor. Marie-Louise Coleiro Preca flimkien mas-Segretarju Parlamentari għall-Kultura u Gvern Lokali, l-Onor. Dr José Herrera ser torganizza laqgħa għall-Kunsilli Lokali dwar il-kordinament bejn il-Ministeru u l-Kunsilli Lokali fir-rigward tal-proġett bit-titlu *LEAP: building the future together promoting social mobility.* Dan huwa proġett li ser ikun iffinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew tal-Unjoni Ewropea. Din il-laqgħa se ssir fis- 6 ta' Diċembru 2013 fil-Kunsill Lokali tar-Rabat, mis-6-8pm.

- Notifika mill-Ministeru għall-Iżvilupp sostenibbli, l-Ambjent u tibdil fil-Klima li nstabu 2 palm fil-Pjazza Tolfa infettati mill-Bumuqar Aħmar. Is-SE qalet li diġà ħadet ħsieb li nformat lid-Dipartiment tal-Agrikultura biex dawn il-Palm jitneħħew. Is-Sindku qal li fl-aħħar laqgħa tal-Kumitat Reġjonali ressaq il-problema ta' dawn il-palm, u li l-Kunsilli ma jistgħux jħallsu dawn l-ispejjeż, u s-Sindki qablu. Is-SE tar-Reġjun bagħat lid-DLG jinformah b'din il-problema.

- *Speed camera* fit-Triq Mġarr – il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Perita Audrey Testaferrata minn TM, fejn talbet lill-Kunsill biex issir korrisponenza

mir-Reġjun fuq dan il-każ. Is-Sindku qal li s-SE tar-Reġjun diġà bagħat ittra lill-TM fuq dan il-każ.

- Is-Sindku qal li fil-laqgħa tar-Reġjun, huwa qajjem il-punt tal-kontijiet tad-dawl tal-latrini pubbliċi li rċieva l-Kunsill biex jitħallas, fejn dan normalment kien jitħallas mill-MGOZ. Tul din il-laqgħa, is-Sindkiqablu li dawn il-kontijiet ma jitħallsux għax dawn qatt ma kienu jitħallsu mill-Kunsill.

- Għajn tal-Ħasselin – is-SE informat lill-preżenti li hemm bżonn ta' xi xogħlijiet *extra* fuq il-proġett tal-Għajn tal-Ħasselin, biex jiġi mwaħħal l-meter tal-Enemalta u xi xogħlijiet biex jgħaddi l-ilma. L-istima fuq l-ispeċifikazzjonijiet tal-Enġineer hi ta' madwar €1,375.20. Il-Kunsill approva din l-istima. Is-Sindku semma l-bankijiet li jridu jiġu mixtriha għal fuq il-Belvedere li ser ikun parti minn din l-Għajn. Il-Kunsill qabel li jinxtraw bħal li hemm fil-Pjazza tad-Dehra. Is-SE għandha tieħu ħsieb li ġġib l-istima ta' dawn il-bankijiet.

- Belvedere Triq Ħamri – il-MEPA talbu lill-Kunsill biex ibiddel is-siġar li għamel fl-applikazzjoni, biex ikunu *indegenous trees*. Is-SE informat li l-perit Alex Bigeni diġà għamel dan u l-permess għandu joħroġ fix-xahar li ġej.

- Ittra mill-Gozitan Youth Ambassadors fejn talbu għall-għajnuna tal-Kunsill biex jgħamlu attivitajiet biex jiġbru fondi għall-istrina – il-Kunsill ma approvax.

- *E-mail* mir-Reġjun t'Għawdex li tirrigwardja n-nuqqas t'infurzar fuq l-ambjent fil-lokalitajiet u għalhekk qed jitlob lil kull Kunsill jgħaddi informazzjoni sabiex jibda' jsir l-infurzar fil-lokalitajiet fuq l-ambjent ġewwa Għawdex. Il-Kunsill se jaħseb liema żoni għandhom bżonn aktar infurzar u jinforma lis-SE.

- *Maltese Olympic Committe night award* se jsir nhar is-Sibt, 30 ta' Novembru, 2013 fil-Lukanda Hilton. Se jattendu Larry Buttigieg u Stephen Mercieca għal din is-serata.

- Talba għall-laqgħa mal-Kummisjoni Żgħażagħ Għajnsielem – il-Kunsill qabel li jiġu mistiedna f'Jannar, 2014.

- Gaġġa għall-użu tal-*pitching machine* għat-team tar-readcoats. Il-Kunsill analiżża t-talba ta' Joseph Scicluna biex din titpoġġa fil-*parking* u qabel li din titpoġġa hemmhekk. Il-Kunsill talab lis-Sur Scicluna biex jieħu ħsieb li fil-ġimgħa tal-Festa, din tiżżarma. Is-Sur Scicluna ma sab l-ebda oġġezzjoni li jsir dan.

- Ittra mill-eks Sindku ta' Bethlehem, fejn informa lill-Kunsill li wara seba' snin u nofs Sindku, hu m'għadux jokkupa din il-pożizzjoni pero qiegħed *chairman* tal-Health Work Comittees, li hi organiżżazzjoni non-governattiva u bla profitt.

Huwa talab għal-koperazzjoni mill-Kunsill, u l-Kunsill qabel li jibgħat jistaqsi x'tip t'għajnuna jista' jgħin il-Kunsill.

- MEPA: informat lill-Kunsill b'xi notifiki t' infurzar f'Għajnsielem.

- Korrispondenza mill-avukat Jean Paul Grech, għan nom ta' Kevin Farrugia b'rabta mal-kawza tal-Pulizija fuq il-ħsara fil-*bin* fil-Pjazza Madonna ta' Loreto. L-avukat kiteb li s-Sur Kevin Farruġia hu dispost li jħallas l-ammont tal-ħsara fiż-żmien sena. Il-Kunsill qabel li jingħata ċans sal-aħħar ta' Mejju biex isir il-ħlas dovut lill-Kunsill.

- Il-Kunsill approva li jsir il-ħlas ta' 8 metri konkons fl-isqaq ta' Triq il-Ġnien, fejn il-kumplament tal-konkos li se jsir fl-isqaq se jitħallas mid-dipartiment tac-CMU.

- Is-SE spjegat li x-xiri ta' materjal u għodda għal Bethlehem f'Għajnsielem mingħand Joseph Attard sa issa laħaq l-ammont ta' €2,142.22. Hi spjegat li kull oġġett li nxtara kien wara l-approvazzjoni tas-SE bil-*purchase order* tal-Kunsill. Madankollu, fadal aktar materjal x'jinxtara li dawn tkun taf bih max-xogħol tal-konstruzzjoni tal-proġett. Il-Kunsill qabel li jitħallas dan l-ammont u jinxtara l-materjal li hemm bżonn biex ikun jista' jitkompla x-xogħol fil-presepju.

- Il-Kunsill approva li jitqabbad Aurelio Bugeja biex jgħaddi d-dawl mil-ħitan tas-sejjieħ u fil-kmamar fil-presepju għas-somma ta' €1,160 u li jitqabbad Joseph Cefai għal użu ta' PA system fiċ-ċerimonja tal-ftuħ għas-somma ta' €120.

4. **Prempju Ġieħ Għajnselmiż u programm tal-ġimgħa t'Għajnsielem**

Nominazzjonijiet mill-Kunsill:
Francis Cauchi: Paul Azzopardi u Pawlu Zerafa
Larry Buttigieg: Pawlu Zerafa u Kumitat tal-Football
Franco Ciangura: Alex Spiteri u Joseph Ciantar (MESEUM)
Peter Caruana: Fra Lorry Zerafa
Stephen Mercieca: Arcipriet u Alex Spiteri

Din is-sena, il-Kunsill ħa d-deċiżjoni li l-premju Ġieħ Għajnselmiż jingħata lil Pawlu Zerafa. Id-data taċ-ċerimonja għandha tkun fit-12 ta' Diċembru, fis-7.00pm, fil-Grand Hotel. Is-SE talbet stima ta' dan ir-riċeviment mill-Grand Hotel li hu ta' €1,450. Il-Kunsill approva li jsir fil-Grand Hotel peress li hija l-unika sala tar-riċeviment li hawn fir-raħal. Il-Kunsill se jistieden lil Arcipriet u 2 rappreżentanti minn kull għaqda li hawn fir-raħal, apparti l-familja u l-qraba tas-Sur Zerafa.

Il-Kunsill iddeċieda li ż-zjajjar lill-anzjani morda issir fid-19 ta' Diċembru, mit-3.00pm 'l quddiem. Il-Kunsill qabel li jiġu ordnati l-kejkijiet mingħand Anthony Attard għal kull anzjan u dawn jitħalsu mill-Kunsilliera personalment.

**5. Bethlehem f'Għajnsielem**

Il-Kunsill se jistieden madwar 150 ruħ fejn, 50 minnhom se jiġu mistiedna mill-MGOZ. Din is-sena ħarġet l-ideja li t-tlett Slaten Magi u s-sinjura Joanne Debrincat jitilqu minn Tolfa, jgħaddu mill-Pjazza tal-Vatikan, u jkomplu l-miġja tagħhom lejn il-presepju fl-għeluq ta' Bethlehem f'Għajnsielem. Il-Ministru għal Għawdex se jakkumpanja din id-delegazzjoni minn Tolfa sa' Għajnsielem. Il-Kunsill iddeċieda li s-Sindku, Franco Ciangura u Larry Buttigieg jakkumpanjaw din id-delegazzjoni.

**6. Offerti:**

Is-SE spjegat li peress li l-offerta tal-*Live Streaming* tal-laqgħat tal-Kunsill ġiet 'l fuq mill-ammont ta' kwotazzjoni, wara parir mid-Dipartiment, irid terġa tinħareġ l-offerta bħala *tender.*

Is-SE innotat li l-offerta tat-tindif tal-latrini fil-Pjazza Madonna ta' Loreto se tiskadi f'Jannar u għalhekk trid toħroġ offerta oħra. Il-Kunsill qabel ma dan.

Is-SE qalet ukoll li wara li ċċekjat id-dokument tat-*tender* tal-Għajn tal-Ħasselin, jidher li l-ħwat mhumiex inkulżi fit-*tender.* Għalhekk hemm bżonn li toħroġ offerta għal provista u installazzjoni tal-ħwat bil-ġebel tal-qawwi. Il-Kunsill iddeċieda li dawn il-ħwat jkunu erba' blokok u l-ħawt jitħaffer ġo fihom simili għal-ħwat li hemm f'Għajn il-Kbira fil-Fontana.

Il-Kunsill qabel li jinħarġu l-avviżi għal offerti msemmiha.

**7. Seminar '20 sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali – Ir-rwol u relevanza tagħhom illum' – 4 ta' Diċembru, 2013**

Korrispondenza mir-Reġjun bħala parti mill-kommemorazzjonijiet sabiex jitfakkru 20 sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali ser isir seminar u qed jiġu mistiedna is-Sindki, Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali. Id-data ta' dan is-seminar hija nhar l-Erbgħa 4 ta' Diċembru bejn il-5:00pm u t-8:00pm. Is-seminar ser isir il-Grand Hotel, Għajnsielem. Il-Kunsill ikkonferma li se jattendi, u jiġi mistieden l-ambaxxatur Joshua Grech ukoll.

## 8. Laqgħa Plenarja – 7 ta' Diċembru, 2013

Is-Sindku qara il-programm ta' din il-laqgħa. Il-Kunsill għandhom javżaw lis-SE min ikun jixtieq jattendi għal din il-laqgħa.

## 9. Ittra mingħand il-Kumitat tal-Football rigward il-*floodlights*

Saret talba bil-miktub mill-Kumitat tal-Football sabiex il-Kunsill jidħol f'kollaborazzjoni fil-proġett tal-grownd tar-raħal u jipprovdi l-*floodlights*. Huma għaddew il-kopji tal-kuntratti, statut, etc u s-SE għamlet kopja ta' dan lil kull kunsillier.

Is-Sindku qal li dawn id-dokumenti iridu jgħaddu għand l-avukata tal-Kunsill, biex jiġi ddeterminat jekk jistax isir xi tip ta' kuntratt fuq l-iskema PPP. Franco qal li l-Kunsill qed jagħti l-opportunità wkoll lill-Kumitat tal-Football fil-proġett ta' Bethlehem f'Għajnsielem, li jekk jaħdmu bil-għaqal jaqilgħu ammont ta' flus tajjeb. Peter qal li jekk il-Kunsill jaqbel li jidħol f'xi tip ta' kollaborazzjoni, il-Kunsill direttament għandu joħroġ is-sejħiet tal-offerti u jikkontrolla l-proċess huwa direttament. Dan għaliex il-Kunsill ma jistax jagħti flus direttament lill-Kumitat.

Il-Preżenti qablu li l-Kunsill jidħol f'kollaborazzjoni u jgħin fil-proġett tal-bini tal-grownd wara li jsir komunikat mal-avukata tal-Kunsill u wara l-approvazzjoni tad-DLG. Il-massimu tal-ammont li jonfoq il-Kunsill f'din il-kollaborazzjoni jkun ta' €12,500.

## 10. Kompetizzjonijiet għall-Milied

Il-Kunsill qabel li joħroġ kompetizzjoni għall-isbaħ tiżjin tat-twieqi u l-isbaħ presepji taħt żewġ kategoriji għar-residenti t'Għajnsielem. Jinħareġ avviż fuq il-bullettin u jingħata ċans sat-12 ta' Diċembru biex japplikaw. Il-premji jingħataw nhar it-18 ta' Diċembru.

## 11. Ikla tal-Milied

Il-Kunsill qabel li l-ikla tal-Milied issir nhar il-Ħadd, 29 ta' Diċembru, 2014 f'nofsinhar fil-Lukanda Calypso. Jiġi mistieden ukoll l-ambaxxatur Joshua Grech.

## 12. Talbiet mir-Residenti

- *Double yellow line* quddiem residenza fit-Triq Firilla – approvati.
- Ingombru minn materjal tal-bini fi-Triq Simirat – isir komunikat mal-Perit Brian Curmi li huwa nkarigat minn dan il-bini.

## 13. Materji Oħra

Larry:

- Jum Għajnsielem – Suġġeriment li tintgħażel ġurnata biex tibda issir attività kull sena. Franco ssuġġerixxa li ssir riċerka propja biex tiġi analiżata meta tista issir din id-data li tkun marbua ma xi avveniment li seħħ fir-raħal. Il-preżenti qablu ma dan.

- Inizjattiva mill-MGOZ *Travel to Gozo for free* – tintbgħat ittra lill-Ministru għal-Għawdex fejn tgħid li kienet inizjattiva tajba ħafna, iżda darb' oħra issir konsultazzjoni mal-Kunsilli minħabba l-ammont ta' traffiku li nġabar fir-raħal.

- Kollaborazzjoni mill-Kunsill għat-tournament tal-*isnooker* li qed jiġi organizzat mill-Kumitat tal-*isnooker* – il-Kunsill approva l-ammont ta' €300 biex jinxtraw it-tazzi għar-rebbieħa.

Peter Caruana:

- Ħaxix ħdejn il-bankijiet fit-Triq Sant' Eliju – titnaddaf iż-żona u ssir manutenzjoni tal-banijiet.

Franco Ciangura:

- Isir avviż fuq il-bullettin biex ir-residenti li joqoghdu fit-Triq Ħamri, u li r-residenza tagħhom tagħti fuq il-Wied il-Kbir jikkolaboraw mal-Kunsill biex jixgħelu xemgħa meta jkun animat il-presepju. Il-Kunsill qabel ma dan is-suġġeriment u qabel ukoll li jinxtraw 3 xemgħat taż-żejt għal kull residenza.

**Tmiem il-laqgħa**

Wara li kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 18 ta' Diċembru, fit-6.00pm is-Sindku ddikjara l-laqgħa magħluqa fit-7.40pm.

Francis Cauchi
Sindku

Amanda Abela
Segretarju Eżekuttiv